MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA
U GVERN LOKALI

MINISTRY FOR JUSTICE
AND LOCAL GOVERNMENT

*Dipartiment tal-Kunsilli Lokali*

*Local Councils Department*

LCD 65/1994/III
LCD 13/1994/VI

22 ta' Marzu 2001

Lis-Sindki u
Lis-Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

**Memo 18/2001**

Is-sena finanzjarja 2000/2001 dalwaqt tasal biex tintemm u l-udituri tal-Gvern Lokali jibdew javviċinawkom biex ikunu jistgħu jagħmlu x-xogħol tagħhom. Dan id-Dipartiment jixtieq jerġa' jfakkar fl-importanza li għandha tingħata biex ir-Rapporti ta' l-Udituri tal-Gvern jiġu ffinalizzati fil-ħin u jintbgħatu lill-Awditur Ġenerali fiż-żmien stipulat mill-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

Is-sena l-oħra, bil-kooperazzjoni ta' kulħadd sar xi titjieb fis-sottomissjoni ta' dawn ir-Rapporti. Bil-għan li nkomplu nsostnu dan it-titjib, dan id-Dipartiment jixtieq jerġa jfakkar li:

a) is-Segretarji Eżekuttivi għandhom iħejju r-Rapporti finanzjarji kollha neċessarji skond kif inhu indikat fil-Proċeduri ta' l-1996 dwar Kunsilli Lokali (Verifika) sa mhux aktar tard mill-15 ta' April 2001.

   F'dan ir-rigward is-Segretarji Eżekuttivi għandom jaraw li jkollhom dawn id-dokumenti kollha ffinalizzati qabel ma javżaw lill-Udituri biex jibdew ix-xogħol tagħhom:

   (i) *Nominal Ledger* mqabbel sal-31 ta' Marzu 2001;
   (ii) *Bank Statements* ta' l-*accounts* kollha tal-Banek, mqabbla man-*Nominal Ledger* sal 31 ta' Marzu 2001;
   (iii) *Depreciation charge* sal 31 ta' Marzu 2001;
   (iv) *Fixed Asset Register* mqabbel man-*Nominal Ledger* sal-31 ta' Marzu 2001;
   (v) *Accruals* u *Prepayments* sal-31 ta' Marzu 2001, mdaħħlin fin-*Nominal Ledger;*
   (vi) *Stock* fil-31 ta' Marzu 2001, mdaħħal fil-*Nominal Ledger*
   (vii) *Trial Balance*;

"Chateau de la Ville", 21, Triq l-Arċisqof, Valletta CMR 02
TEL: 226534/5/6 FAX: 224904

(viii) Dettalji ta' Fondi għal Ħtiġiet Speċjali minfuqa (li għandha tinkludi dettalji tal-proġetti involuti) u il-bilanċi li fadal. Dawn għandhom ikunu mqabbla man-*Nominal Ledger*;

(ix) Dettalji dwar l-ammonti miġbura mill-*Local Enforcement System* kif ukoll id-debituri marbuta ma' din is-sistema; u

(x) Dettalji ta' xi *committments* li jkunu jeżistu fuq l-Infieq Kapitali.

b) Il-Kunsilli għandhom japprovaw ir-Rapport tal-Uditur tal-Gvern Lokali f'seduta apposta u mhux joqgħodu jinkludu din l-*item* fuq l-aġenda normali tal-laqgħat tal-Kunsill. Is-sena l-oħra kien hemm każijiet fejn l-uditur kellu l-ewwel joqgħod jiddiskuti r-Rapport mas-Sindku u s-Segretarju, imbagħad jerġa jgħaddi minn dan il-proċess kollu mal-Kunsill. Kien hemm każijiet ukoll fejn l-uditur ma ngħatax permess biex ikun preżenti fil-laqgħa tal- Kunsill. L-uditur jista' jkun preżenti waqt dawn il-laqgħat biex jekk ikun hemm bżonn ikun jista' jirrispondi għal xi diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu. Fil-fatt din hija waħda mill-kundizzjonijiet li l-Awditur Ġenerali impona fuq l-udituri tal-Gvern Lokali.

F'dan ir-rigward, l-udituri qegħdin jiġu infurmati biex jippreżentaw ir-Rapport għall inqas tlett ijiem qabel ma jiġi diskuss; u

c) *il-financial statements* għandhom jiġu iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv

Silvio Frendo
għad-Direttur (Kunsilli Lokali)

kopja: Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali
Awditur Ġenerali
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta)